MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 63/2003

**SMS Travel & Tourism Limited**

**vs**

**Emanuel u Maureen konjugi Balzan**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba fejn gie premess illi s-socjeta' attrici topera agenzija ta' l-ivvjaggar fi Triq ir-Repubblika, Victoria, Ghawdex.

Illi f'Ottubru 2002 l-konvenuti xtraw xi biljetti ta' l-ajru u akkomodazzjoni f'lukanda barra minn Malta.

Illi ghadu dovut lis-socjeta' attrici hlas ta' somma bilancjali ta' tlett mija u disghin lira Maltija (Lm390).

Illi l-konvenuti, ghalkemm gew interpellati diversi drabi naqsu li jhallsu l-bilanc dovut.

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici qed titlob il-kundanna tal-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici l-ammont dovut ta' tlett mija u disghin lira Maltija (Lm390) flimkien ma' l-imghax relattiv minn Ottubru 2002 u l-ispejjes ta' dawn il-proceduri u ta' l-ittri interpallatorji tas-26 ta' Dicembru 2002, 9 ta' Jannar 2003, 15 ta' Jannar 2003 u 3 ta' April 2003."

Peress illi t-talba attrici giet ippruvata permezz tal-ammissjoni tal-konvenuti;

Jilqa' t-talba billi jikkundanna lill-konvenuti ghall-hlas ta' LM390 somma bilancjali dovuta ghal prezz ta' biljetti bl-ajru u akkomodazzjoni mixtrija mill-konvenuti minghand is-socjeta' attrici bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji ts-26 ta' Dicembru 2002, 9 ta' Jannar 2003, 15 ta' Jannar 2003 u 3 t'April 2003 u bl-imghax legali mill-ahhar t'Ottubru 2002 sad-data tal-eventwali hlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------